

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/2101(INI)

18.11.2008

EMENDI 1 - 27

Abbozz ta' rapport
Elsbeth Attwooll
(PE405.970v01-00)

L-azzjoni Komunitarja rigward il-kaċċa għall-baleni
(COM(2007)0823 – 2008/2101(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

- wara li kkunsidra ***l-moratorju*** tal-IWC ***fuq il-kaċċa*** kummerċjali għall-balieni li ***daħal*** fis-seħħ fl-1986,

Emenda

- wara li kkunsidra ***l-ftehim*** ***dwar limiti tal-ebda qbid (il-'moratorju')*** tal-IWC ***għall-kaċċa*** kummerċjali għall-balieni li ***daħlet*** fis-seħħ fl-1986,

Or. en

Emenda 2
Elsbeth Attwooll

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 3 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

- wara li kkunsidra ***l-laqgħa tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura f'Barċellona, bejn il-5 u l-14 ta' Ottubru 2008,***

Emenda

Or. en

Emenda 3
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 8 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

- wara li kkunsidra ***t-Trattat tal-1997 ta' Amsterdam li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea - Il-Protokoll dwar il-***

Emenda

protezzjoni u l-benessri tal-annimali¹.

Or. en

Emenda 4
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 8 b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra l-adozzjoni, min-naħa tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċi ta' Fawna u Flora Salvaġġi fil-Periklu (CITES) kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha mill-UE, ta' projbizzjoni dwar il-kummerċ internazzjonali fi prodotti tal-ispeċi kollha ta' balieni kbar,

Or. en

Emenda 5
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

E. billi kważi waħda minn fuq kull erba' speċi taċ-ċetaċji attwalment huma kkunsidrati f'periklu, b'disa' speċi elenkati bħala f'periklu jew f'periklu serju,

E. billi kważi waħda minn fuq kull erba' speċi taċ-ċetaċji attwalment huma kkunsidrati f'periklu, b'disa' speċi elenkati bħala f'periklu jew f'periklu serju, ***waqt li l-istatus ta' ħafna speċi u l-popolazzjonijiet jibqa' mhux ċar,***

Or. en

¹ ĠU C 340, 10.11.1997, p. 110

Emenda 6
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi *s-sitwazzjoni ta' tipi differenti ta' balieni tġiebet* sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,

Emenda

F. billi *għalkemm uħud mill-popolazzjonijiet tal-balieni irnexxilhom jirkupraw xi ftit* sa mill-introduzzjoni tal-moratorju, *il-popolazzjoni ta' diversi speċi hi ridotta u fil-periklu li tiġi estinta, waqt li l-kapaċità tagħhom li jadattaw għall-kondizzjonijiet ambjentali li qed jinbidlu tibqa' mhux magħrufa,*

Or. en

Emenda 7
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

F. billi s-sitwazzjoni ta' *tipi differenti* ta' balieni tġiebet sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,

Emenda

F. billi s-sitwazzjoni ta' *uħud mill-istokk* ta' balieni tġiebet sa mill-introduzzjoni tal-moratorju, *is-sitwazzjoni ta' oħrajn baqgħet ma tġiebetx,*

Or. en

Emenda 8
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi l-moratorju oriġinarjament kien *intenzjonat li jdum sakemm tibda titħaddem skema ta' mmaniġġjar*

Emenda

G. billi l-moratorju oriġinarjament kien *implimentat biex jippermetti lill-IWC li "tagħmel evalwazzjoni komprensiva tal-*

adegwata,

*impatt ta' din id-deċiżjoni fuq il-
popolazzjonijiet tal-baleni u jqis
modifikazzjonijiet għal din id-
dispożizzjoni kif ukoll it-twaqqif ta' limiti
oħra tal-qbid"¹,*

Or. en

Emenda 9
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

G. billi l-moratorju oriġinarjament kien intenzjonat li jdum sakemm tibda tiftaddem skema ta' mmaniġġjar adegwata,

Emenda

G. billi l-moratorju oriġinarjament kien intenzjonat li jdum sakemm tibda tiftaddem skema ta' mmaniġġjar adegwata ***u biex jitħalla żmien biżżejjed ħalli stokk b'numri żgħar jirkupraw,***

Or. en

Emenda 10
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

H. billi ***mhux il-membri kollha tal-IWC jaqblu mal-moratorju,***

Emenda

H. billi ***n-Norveġja u l-Federazzjoni Russa għandhom oġġezzjonijiet għall-moratorju u l-Islanda għandha deroga għalih,***

Or. en

¹ Artikolu 10e tal-ICRW <http://www.iwcoffice.co.uk/commission/schedule.htm>

Emenda 11
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi n-numru ta' balieni maqtula fil-fatt
żdied sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,

Emenda

J. billi n-numru ta' balieni maqtula **taħt**
Permess Speċjali fil-fatt żdied sa mill-
introduzzjoni tal-moratorju,

Or. en

Emenda 12
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

J. billi n-numru ta' balieni maqtula **fil-fatt**
żdied sa mill-introduzzjoni tal-moratorju,

Emenda

billi n-numru ta' balieni maqtula żdied
b'mod kostanti sa mill-introduzzjoni tal-
moratorju,

Or. en

Emenda 13
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

K. billi **n-numru** ta' NGOs u entitajiet oħra
esprimew **dubji dwar jekk l-istudji**
xjentifiċi tal-balieni jeħtieġx prattiki letali
u tħassib li l-laħam ta' dawn il-baleni
huwa użat għal finijiet kummerċjali,

Emenda

K. billi **l-IWC (f'aktar minn 30**
Riżoluzzjoni) u numru ta' NGOs u
entitajiet oħra esprimew **tħassib serju li l-**
permess speċjali attwali għall-kaċċa tal-
balieni hu "kontra l-ispirtu tal-moratorju
fuq il-kaċċa kummerċjali tal-balieni"
(IWC2003-2); il-laħam minn din il-kaċċa
għall-balieni m'għandux jintuża għal
skopijiet kummerċjali; il-kaċċa għall-

balieni taħt il-kappa tax-xjenza hi inġustifikata u għandha tieqaf,

Or. en

Emenda 14
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L. billi, *minkejja t-titjib riċenti, il-metodi li bih il-balieni jiġu maqtula xorta ma jilhqax l-istandards mixtieqa,*

Emenda

L. billi *l-armi, l-ambjent tal-kaċċa, id-daqs u l-fiżjoloġija tal-balieni jippreżentaw ostakli insormontabbli biex tkun żgurata mewt rapida u umana għall-balieni kkaċċjati,*

Or. en

Emenda 15
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jemmen li l-konservazzjoni tal-balieni u ċetaċċji oħra fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq l-iżvilupp ta' miżuri li huma suġġetti għal *qbil universali*;

Emenda

2. Jemmen li l-konservazzjoni tal-balieni u ċetaċċji oħra fl-aħħar mill-aħħar tiddependi fuq l-iżvilupp ta' miżuri li huma suġġetti *għal kunsens wiesa' biżżejjed biex ikunu implimentati b'mod effettiv*;

Or. en

Emenda 16
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jemmen li l-moratorju dwar il-kaċċa kummerċjali tal-balieni, u l-projbizzjoni internazzjonali fuq il-kummerċ fi prodotti tal-balieni, jibqgħu fundamentali fir-rigward tal-konservazzjoni tal-balieni u t-tħassib dwar il-benessri tagħhom, u jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-Grupp ta' Ħidma biex jiżguraw li dawn il-miżuri jibqgħu jinżammu bħala prijorità fin-negozjati kollha;

Or. en

Emenda 17
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

5. Jispera li l-Grupp ta' Ħidma jindirizza l-kwistjoni tal-kaċċa letali għall-balieni għal skopijiet xjentifiċi sabiex isib **bażi biex tiġi eliminata**;

5. Jispera li l-Grupp ta' Ħidma jindirizza l-kwistjoni tal-kaċċa letali għall-balieni għal skopijiet xjentifiċi **u l-kaċċa għall-balieni taħt oġġezzjoni jew deroga** sabiex isib **mezz biex jeliminahom**;

Or. en

Emenda 18
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jirrispetta l-bżonn ta' kaċċa limitata **li għandha ssir minn dawk li tradizzjonalment jikkaċċjaw għall-iskop**

6. Jirrispetta l-bżonn ta' kaċċa limitata **permessa mill-IWC biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' sussistenza dokumentati**, iżda

ta' provvista ta' ikel, iżda jitlob li ssir enfasi akbar fuq ir-riċerka dwar metodi ta' qtil umani u kif ukoll l-użu tagħhom;

jitlob li ssir enfasi akbar fuq ir-riċerka dwar metodi ta' qtil umani u kif ukoll l-użu tagħhom, *imma ma jappoġġjax l-estensjoni tal-kaċċa fir-rigward ta' speċi jew numri maqbuda*;

Or. en

Emenda 19 **Paulo Casaca**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 7**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jitlob li *din it-tip ta' kaċċa issir* biss bi kwoti *ċari* bbażati fuq pariri xjentifiċi, taħt kontrolli stretti *u b'reġistrazzjoni sħiħa*;

Emenda

7. Jitlob li *l-kaċċa għall-balieni għal raġunijiet ta' sussistenza mill-popolazzjoni indiġena ssir* biss *meta l-IWC tirrikonoxxi, b'mod ċar u kwantitattiv, il-ħtieġa għal sussistenza u l-ħtieġa kulturali għall-prodotti tal-balieni; jillimita din l-attività* bi kwoti bbażati fuq pariri xjentifiċi *mill-Kumitat Xjentifiku tal-IWC; u jirregolaha* taħt kontrolli stretti *waqt li jinkludi reġistrazzjoni u rappurtar sħiħ lill-IWC*;

Or. en

Emenda 20 **Elspeth Attwooll**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 7**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jitlob li *din it-tip ta' kaċċa issir* biss bi kwoti *ċari* bbażati fuq *pariri xjentifiċi*, taħt kontrolli stretti *u b'reġistrazzjoni sħiħa*;

Emenda

7. Jitlob li *din it-tip ta' kaċċa issir* biss bi kwoti *ċari* bbażati fuq *il-parir tal-Kumitat Xjentifiku tal-IWC*, taħt kontrolli stretti *u b'reġistrazzjoni sħiħa*;

Or. en

Emenda 21
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jitlob li din it-tip ta' kaċċa issir biss bi kwoti ċari bbażati fuq **pariri xjentifiċi**, taħt kontrolli stretti u b'reġistrazzjoni sħiħa;

Emenda

7. Jitlob li din it-tip ta' kaċċa issir biss bi kwoti ċari bbażati fuq **il-parir tal-Kumitat Xjentifiku tal-IWC**, taħt kontrolli stretti u b'reġistrazzjoni sħiħa;

Or. en

Emenda 22
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jitlob ukoll li *jitwaqqfugħat-twettiq*, f'postijiet adattati madwar id-dinja, aktar **riservi tal-baħar** li fihom il-balieni jirċievu protezzjoni speċjali;

Emenda

8. Jitlob ukoll li *jitwaqqfu*, f'postijiet adattati madwar id-dinja, aktar **Żoni tal-Baħar Protetti** li fihom il-balieni jirċievu protezzjoni speċjali;

Or. en

Emenda 23
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8a. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jkun użat apparat tas-sajd selettiv biex jevita qbid mhux intenzjonat ta' speċi oħra,

Emenda

Emenda 24
Elspeth Attwooll

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jitlob li theddid fuq **il-popolazzjoni taċ-ċetaċġi** kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, **is-sonar** u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Emenda

9. Jitlob li theddid fuq **popolazzjonijiet taċ-ċetaċġi** kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, **ħsejjes taħt l-ilma (inklużi s-sonar, l-istħarriġ seiżmiku u l-ħsejjes tal-vapuri)** u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 25
Carl Schlyter

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jitlob li theddid fuq il-popolazzjoni taċ-ċetaċġi kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, **is-sonar** u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Emenda

9. Jitlob li theddid fuq popolazzjonijiet taċ-ċetaċġi kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, **ħsejjes taħt l-ilma (inklużi s-sonar, l-istħarriġ seiżmiku u l-ħsejjes tal-vapuri)** u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 26
Paulo Casaca

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jitlob li theddid fuq il-popolazzjoni taċ-ċetaċċji kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, *is-sonar* u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Emenda

9. Jitlob li theddid fuq il-popolazzjoni taċ-ċetaċċji kkawżat mill-bidla fil-klima, it-tniġġis, l-inċidenti li jinvolu l-vapuri, it-tagħmir tas-sajd, *l-inkwinament akustiku antropoġeniku tal-oċċjan* u perikli oħrajn jiġi indirizzat 'il-barra minn dawn iż-żoni ta' protezzjoni;

Or. en

Emenda 27
Duarte Freitas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10a. Hu tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi qafas regolatorju rivedut għall-prattika tal-osservazzjoni tal-balieni li jiproteġi l-interess ekonomiku u soċjali tar-reġjuni tal-kosta fejn issir din l-attività, waqt li jqis l-iżvilupp reċenti tagħhom;

Or. pt